**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI.**

**Imhallef**

**Onor. Joseph G. Galea Debono B.A. , LL.D.**

**Seduta tal-Hamis , 28 ta' Frar, 2002.**

**App. Nru: 205/2001**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur David Saliba .)**

**vs.**

**SALAH DI ALI AGOWI.**

Il-Qorti ,

Rat l-imputazzjoni kontra l-appellant Salah di Ali Agowi quddiem Il-Qorti tal-Magistrati ta' Malta bhala Qorti Istruttorja, , fejn gie akkuzat fil-31 t'Ottubru, 2001, talli fil-lejl ta' bejn id-29 u t-30 t'Ottubru, 2001, ghall-habta tas-2 a.m. , fil-kumpless ta' San Gorg , gewwa Paceville, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom mobile phone komplut bic-charger, flus kontanti, (327 dollari) , arlogg tal-idejn, u hwejjeg ohra mill-apartament numru 5 fl-istess kumpless , liema oggetti jiswew aktar minn LM100 izda inqas minn LM1000 u dan ghad-dannu ta' Ratib Haj Al Mezughi u Nagi Said Ali Elendawi , u / jew terzi persuni , liema serq hu kwalifikat mill-mezz, valur, hin u lok ;

talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar , ghamel hsara , jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, fl-imsemmija appartament li tammonta ghal mhux aktar minn LM50 ghad-dannu tal-management u / jew l-istess sidien;

talli fl-istess data hin u lok u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu zewg strumenti bil-ponta u li jaqtaw minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija ;

bit-talba li tiddikjara lill-appellant bhala immigrant ipprojbit u tordna it-tkeccija minn Malta skond l-Artikolu 15 tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta ; ( liema talba giet sussegwentement ritirata mill-Ispettur Saliba fl-istess seduta tal-31 t'Ottubru, 2001 )

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja li igib l-istess data tal-31 t'Ottubru, 2001;

Rat l-ammissjoni tal-appellant registrata fil-verbal tal-istess seduta tal-31

t’Ottubru, 2001 quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti;

Rat id-Digriet tal-1 ta’ Novembru, 2001 tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) li bih gie revokat “contrario imperio” il-helsien mill-arrest u gie ordnat ir-riarrest tal-imputat appellant, wara li l-ufficjal prosekutur kien informa lill-ewwel Qorti li l-imputat kien rega’ gie arrestat matul il-lejl ta’ qabel;

Rat is-Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-5 ta’ Novembru, 2001 , fejn , wara li rat l-art. 261, 263, 269, 267 , 325 u 338 tal-Kap. 9, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, ma halliet ebda alternattiva lil dik il-Qorti , hlief li issib lill-imsemmi imputat hati ta’ kif akkuzat mill-Prosekuzzjoni u ikkundannatu ghal periodu ta’ tnax il-xahar (12) prigunerija li minnghom ghandu jitnaqqas il-periodu li ghamel taht arrest in konnessjoni ma dan il-kaz u fejn gie dikjarat li il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat;

Rat li l-imputat appellant talab is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza ghall-fini tal-appell u li il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ,laqghet it-talba tieghu taht garanzija personali tieghu fl-ammont ta’ LM500;

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant tal-14 ta’ Novembru, 2001, fejn talab illi din l-Onorabbli Qorti fil-waqt li tikkonferma is-sentenza appellata, timmodifika l-istess sentenza billi tirriduci il-piena inflitta jew tipprovdi piena alternattiva;

Rat illi l-aggravji tal-appellant jikkonsistu fil-fatt illi l-piena inflitta permezz tas-sentenza kontra l-appellant Salah Di Ali Agowi hija wahda eccessiva ghar-ragunijiet li:- a) l-appellant irregistra ammissjoni sa’ mill-bidu nett tal-process kriminali; b) illi huwa ghandu fedina penali nettissima; c) illi huwa ikkollabora mal-Pulizija mill-ewwel hekk kif juri l-statement tieghu; u d) li ir-res furtiva giet ritornata lill-vittma tar-reat;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-appellant fis-seduta tal-21 ta’ Frar, 2002, li elaboraw fuq l-aggravji fuq imsemmija, pero’ fl-istess waqt ,lejalment, taw informazzjoni ohra lill-Qorti, u iccitaw sentenza fil-kawza “Ir-Republika ta’ Malta vs Nicholas Azzopardi“ (Qorti kriminali - 24.2.97) li fiha intqal li meta imputat jammetti mill-bidu nett u ma jalhlix zmien tal-Qorti , wiehed ghandu jibbenefika minn piena aktar leggera u li f’kull kaz l-appellant hu “first offender” u f’dawn il-kazi solitament ma tigix applikata il-piena karcerarja.

Semghet ukoll it-trattazzjoni orali tal-abbli Prosekutur li issottometta li is-sentenza citata mid-difensur tal-appellant ma torbotx f’dan il-kaz u zgur li ma tistax tigi estiza li tfisser li kull meta jkun hemm ammissjoni, ma tistax tinghata piena karcerarja, u li f’kull kaz dik is-sentenza inghatat fil-kuntest ta’ guri li bil-fatt li ma sarx, gie iffrankat hafna telf ta’ hin ghall-Qorti, ghal gurati u ghax-xhieda u hafna telf ta’ flus ghal erarju pubbliku , u esprima il-preokkupazzjoni tal-Prosekuzzjoni dwar reati li kull ma jghaddi z-zmien qed jigu kommessi minn strangieri li jabbuzaw mill-ospitalita’ tal-pajjiz u jiksru il-ligijiet b’certa spavalderija ;

Ikkunsidrat ;

Illi dan l-appel hu limitat biss ghall-piena inflitta mill-ewwel Qorti ta' sena prigunerija li minnhom ghandhu jitnaqqas kull periodu li l-appellant ghamel arrestat in konnessjoni ma dan il-kaz. Illi l-appellant stqarr il-htija tieghu ghall-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu u dan ghamlu fl-istadju inizjali tal-process , u cioe' appena tressaq il-Qorti;

Illi din il-Qorti talbet u hadet informazzjoni minnghand id-difensuri tal-appellant li minnha rrizulta li l-appellant gie Malta bil-ghan li jistudja l-Ingliz; u kemm ilu hawn ghandu tifla barra miz-zwieg u, apparti dan il-kaz , jinsab ghaddej kompilazzjoni fuq akkuzi ta' stupru, attentat vjolent ghall-pudur , feriti u akkuzi ohra fir-rigward ta' turista Finlandiza, liema kaz pero' ghadu mhux deciz u ma hemm ebda dikjarazzjoni ta' htija kontra tieghu s'issa .

Illi din il-Qorti tifhem u tapprezza il-preokkupazzjoni li uriet il-Prosekuzzjoni dwar il-kriminalita' importata li tirrizulta mill-istatistika li tixxandar regolarment , kommessa minn strangieri li jigu Malta bi skop jew iehor u umbaghad jiksru difrejhom mall-ligi , pero' thoss li n-nazzjonalita' tal-hati ma ghandix tkun konsiderazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-piena u li kull kaz ghandu jigi trattat fuq il-merti tieghu indipendentement xi tkun in-nazzjonalita' jew il-provenjenza tal-hati. Tifhem ukoll li din il-kriminalita' minn persuni strangieri qed tkompli tpoggi "strain" fuq il-forzi tal-ordni u dawk tal-habs , fejn percentwal gholi tad-detenuti huma ta' nazzjonalita' estera u li hafna drabi qed tkun ta' dannu ghal-pajjiz ghax taghti "image" ta' pajjiz mhux "safe" b'detriment ghall-industria tat-turizmu li l-pajjiz tant qed jithbatat biex ikabbar b'investiment qawwi. Rat illi id-derubati f' dan il-kaz kienu effettivament ukoll barranin .

Rat li il-piena inflitta mill-ewwel Qorti hija ferm u ferm inqas mill-massimu li seta' jigi applikat f' dan il-kaz, trattandosi tar-reat ta' serq aggravat bil-mezz akkumpanjat bi tnejn jew izjed mill-kwalifiki l-ohra , u cioe' f'dan il-kaz il-valur u l-lok u l-konkors mar-reat ta' danni volontarji prospettat fit-tieni akkuza ammessa mill-appelant u mar-reat kontemplat fit-tielet akkuza u cioe' dak ta' pussess ta' zewg strumenti bil-ponta u li jaqtaw minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, ukoll ammess mill-appellant, u konsegwentement ma jreggix l-argument li din il-piena hija wahda eccessiva skond il-ligi ;

Qieset l-aggravji l-ohra tal -appellant u tosserva li il-fatt li l-hati ikun ikkollabora mall-Pulizija wara li jinqabad u jammetti il-htija tieghu fi stadju bikri tal-process ma tehilsux mill-htija u mill-konsegwenzi tal-istess htija , u wara li qiestet ic-cirkostanzi kollha tal-kaz , ma thossx li ghandha tiddisturba id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti - specjalment meta din kellha il-fatti kollha quddiemha dwar ic-cirkostanzi tar-riarrest tal-appellant biss l-GHADA li kien gie akkuzat bir-reati in ezami u wara ftit sieghat li kien ghadu kif inghata il-liberta' provizorja - fl-applikazzjoni tal-piena inflitta u ghalhekk qed tichad l-appell u tikkonferma is-sentenza appelata.

Aldo Testone
Dep. Registratur